17.4.2024 A9-0142/112

**Emenda 112**
**Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0142/2024**
**Herbert Dorfmann**
Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti
(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 22a*** |
| | ***Artikolu 22a*** |
| | ***Projbizzjoni ta' materjal riproduttiv speċifikat mill-Istati Membri*** |
| | ***1. Mal-applikazzjoni tiegħu, Stat Membru jista' jiġi awtorizzat li jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni lill-utent finali bil-ħsieb taż-żrigħ jew it-tħawwil, fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, ta' materjal riproduttiv speċifikat tal-foresti.*** |
| | ***2. Din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta jkun hemm lok li wieħed jaħseb:*** |
| | ***(a) li l-użu tal-materjali riproduttivi msemmija jista', fir-rigward tal-karatteristiċi fenotipiċi jew ġenetiċi tagħhom, ikollu effetti ħżiena fuq il-forestrija, l-ambjent, ir-riżorsi ġenetiċi jew il-bijodiversità f'dak l-Istat Membru kollu jew f'parti minnu abbażi:*** |
| | ***- ta'evidenza relatata mar-reġjun ta' provenjenza jew l-oriġini tal-materjal, jew*** |
| | ***- tar-riżultati tat-testijiet jew tar-riċerki xjentifiċi mwettqa fil-lokalitajiet xierqa, ġewwa jew barra mill-Komunità;*** |
| | ***(b) abbażi tar-riżultati magħrufa tal-provi, tar-riċerki xjentifiċi, jew tar-riżultati miksuba mill-prattika tal-forestrija li tikkonċerna s-sopravivenza u l-iżvilupp tar-rimji tal-ippjantar b'relazzjoni mal-*** |

***karatteristiċi morfoloġiċi u fiżjoloġiċi li l-użu tal-imsemmi materjal riproduttiv jista', minħabba l-karatteristiċi tiegħu, ikollu effetti ħżiena fuq il-forestrija, l-ambjent, ir-riżorsi ġenetiċi jew il-bijodiversità f'dak l-Istat Membru kollu jew f'parti minnu.***

***3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 għandhom jiġu mfassla f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(3).***

Or. en

**Emenda 113**
**Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0142/2024**
**Herbert Dorfmann**
Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti
(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti B – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Kwalità*** tal-injam: Għandha titqies il-kwalità tal-injam***. Il-kwalità tal-injam hija kriterju essenzjali,*** jekk ***l-FRM se jintuża fl-industrija tal-forestrija għall-iskop tal-produzzjoni tal-injam***, ***tal-għamara*** jew ***tal-polpa. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tagħti aktar piż lil dan il-kriterju.*** | 8. ***Il-forma u l-imġiba tat-tkabbir*** tal-injam: Għandha titqies il-kwalità tal-injam***, u*** jekk ***rilevanti***, ***il-forma*** jew ***l-imġiba tat-tkabbir tal-injam tista' tkun kriterju essenzjali***. |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 114**
**Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0142/2024**
**Herbert Dorfmann**
Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti
(COM(2023)0415 – C9-0237/2023 – 2023/0228(COD))

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti B – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Forma jew imġiba tat-tkabbir: Is-siġar f'popolamenti għandhom juru karatteristiċi morfoloġiċi partikolarment tajbin, ***speċjalment*** li jkollhom zokk dritt u ċirkolari, tendenza favorevoli kif jiftħu l-friegħi, friegħi ċkejknin u żabra naturali tajba. Barra minn hekk, il-proporzjon tas-siġar mifruqa u dawk li juru zokk b'forma spirali għandu jkun baxx. | 9. Forma jew imġiba tat-tkabbir: Is-siġar f'popolamenti għandhom juru karatteristiċi morfoloġiċi partikolarment tajbin, ***jekk rilevanti għall-użu kummerċjali, filwaqt li jitqies*** li jkollhom zokk dritt u ċirkolari, tendenza favorevoli kif jiftħu l-friegħi, friegħi ċkejknin u żabra naturali tajba. Barra minn hekk, il-proporzjon tas-siġar mifruqa u dawk li juru zokk b'forma spirali għandu jkun baxx. |

Or. en



Magħquda fid-diversità